



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0189/2010

9.6.2010

RAPPORT

dwar futur sostenibbli għat-trasport
(2009/2096(INI))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur għal opinjoni: Mathieu Grosch

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	16
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL	20
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA	24
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI	29
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	33

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar futur sostenibbli għat-trasport (2009/2096(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Futur sostenibbli għat-trasport: Lejn sistema integrata, immexxija mit-teknoloġija u li tista' tintuża faċilment” (COM(2009)0279),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tas-17 u t-18 ta' Diċembru 2009 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Futur sostenibbli għat-trasport: Lejn sistema integrata, immexxija mit-teknoloġija u li tista' tintuża faċilment” (17456/09),
- wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni “Il-politika Ewropea tat-trasport għall-2010: żmien li niddeċiedu” (COM(2010)0370),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Inżommu lill-Ewropa miexja - Il-mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna - Reviżjoni ta' nofs it-term tal-White Paper tat-Trasport tal-2001 tal-Kummissjoni Ewropea” (COM(2006)0314),
- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar strumenti bbażati fuq is-suq għall-ambjent u għanijiet ta' politika relatati” (COM (2007)0140),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Strateġija għat-twettiq tal-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni” (COM(2008)0435),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Nagħmlu t-trasport aktar ekoloġiku” (COM(2008)0433),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Il-limitazzjoni tal-bidla klimatika globali għal żewġ gradi Celsius – It-triq 'il quddiem għall-2020 u wara” (COM(2007)0002),
- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni “TEN-T: Lejn netwerk transewropew integrat aħjar għad-dispożizzjoni tal-politika komuni tat-trasport” (COM(2009)0044),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Pjan ta' Azzjoni għall-iskjerament ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport fl-Ewropa” (COM(2008)0886),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni “L-aġenda tal-UE fil-qasam tat-trasport: Intejbu l-effiċjenza, l-integrazzjoni u s-sostenibbiltà tat-trasport tal-merkanzija fl-Ewropa” (COM(2007)0606),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Pjan ta' Azzjoni għal-Loġistika tat-Trasport tal-Merkanzija” (COM(2007)0607),

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Loġistika tat-Trasport ta' Merkanzija fl-Ewropa - il-muftieħ għal mobilità sostennibbli” (COM(2006)0336),
- wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-Kummissjoni dwar il-monitoraġġ tal-iżvilupp tas-suq tal-ferroviji (COM(2009)0676),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-iskopijiet strateġiċi u r-rakkomandazzjonijiet għall-politika tat-trasport marittimu tal-UE sal-2018" (COM(2009)0008),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni u l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni bil-ħsieb li tiġi stabbilita żona Ewropea tat-trasport marittimu mingħajr konfini (COM(2009)0010),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni It-Trasport bil-Baħar fuq Distanza Qasira” (COM(2004)0453),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar politika Ewropea għall-portijiet (COM(2007)0616),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-kummissjoni “Lejn Mobilità aktar Sikura, aktar Nadifa u aktar Effiċjenti madwar l-Ewropa: L-Ewwel Rapport dwar il-Karozzi Intelliġenti” (COM(2007)0541),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Programm ta' Azzjoni Ewropew għas-Sikurezza fit-Toroq — Innaqqsu bin-nofs l-għadd ta' vittmi ta' inċidenti tat-traffiku fl-Unjoni Ewropea sal-2010: Responsabbiltà komuni” (COM(2003)0311),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “Programm ta' azzjoni Ewropea għas-sikurezza tat-toroq: Reviżjoni f'nofs triq” (COM(2006)0074),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Lejn kultura ġdida għall-mobiltà urbana” (COM(2007)0551),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Urbana” (COM(2009)0490),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2010 dwar l-UE 2020¹,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2005 dwar it-tbaħħir fuq distanzi qosra²,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Settembru 2005 dwar il-Programm ta' Azzjoni Ewropew għas-Sikurezza fit-Toroq: Innaqqsu bin-nofs l-għadd ta' vittmi ta' inċidenti tat-traffiku fl-Unjoni Ewropea sal-2010: Responsabbiltà komuni”³,

¹ Testi adottati

² ĠU C 33E, 9.2.2006, p.142.

³ ĠU C 227E, 21.9.2006, p.609.

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2007 dwar il-Programm ta' Azzjoni Ewropew għas-Sigurtà fit-Toroq: Reviżjoni f'nofs triq¹,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2007 “Inżommu lill-Ewropa miexja - Il-mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna”²,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2007 dwar l-implimentazzjoni tal-ewwel pakkett ferrovjarju³,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Settembru 2007 “Il-loġistika tat-trasport tal-merkanzija fl-Ewropa u l-mobilità sostenibbli⁴”,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2008 dwar politika Ewropea tat-trasport sostenibbli li tqis il-linji politiċi Ewropej dwar l-enerġija u l-ambjent⁵,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2008 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Lejn Mobilità aktar Sikura, aktar Nadifa u aktar Effiċjenti madwar l-Ewropa: L-Ewwel Rapport dwar il-Karozzi Intelliġenti⁶,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport tal-merkanzija fl-Ewropa⁷,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Settembru 2008 dwar politika Ewropea dwar il-portijiet⁸,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2009 “Trasport aktar ekoloġiku u l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni”⁹,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' April 2009 dwar il-Green Paper dwar il-ġejjieni tal-politika TEN-T¹⁰,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-Pjan ta' Azzjoni fil-qasam tas-sistemi intelliġenti tat-trasport¹¹,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-Pjan ta' Azzjoni rigward il-mobilità urbana¹²,

¹ ĠU C 244E, 18.10.2007, p.220.

² Testi adottati, P6_TA(2007)0345.

³ Testi adottati, P6_TA(2007)0344

⁴ ĠU C 187E, 24.07.2008, p.154.

⁵ ĠU C 66E, 20.3.2009, p.1.

⁶ ĠU C 286E, 27.11.2009, p.45.

⁷ ĠU C 295E, 4.12.2009, p.79.

⁸ ĠU C 295E, 4.12.2009, p.79.

⁹ Testi adottati, P6_TA(2009)0119.

¹⁰ Testi adottati, P6_TA(2009)0258.

¹¹ Testi adottati, P6_TA(2009)0308.

¹² Testi adottati, P6_TA(2009)0307.

- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1070/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004 biex itejjeb il-prestazzjoni u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-avjazzjoni Ewropea¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, kif ukoll l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0189/2010),
- A. billi s-settur tat-trasport huwa element importanti fl-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea u r-reġjuni u l-ibliet tagħha, settur li għandu influwenza diretta fuq il-kompetittività u l-koeżjoni soċjali tar-reġjuni u l-ibliet u b'hekk jagħti kontribut sinifikanti għall-kisba tas-Suq Intern Ewropew,
 - B. billi t-trasport għandha rwol triplu: rwol ekonomiku, rwol soċjali u rwol ta' koeżjoni territorjali, li kollha huma essenzjali għall-integrazzjoni Ewropea,
 - C. billi s-settur tat-trasport għandu rwol ewlieni fl-ekonomija u l-impjieg, peress li dan jirrappreżenta 10% tal-prosperità tal-UE (bħala proporzjon tal-prodott gross domestiku) u jipprovdi aktar minn 10 miljun impjieg u għalhekk se jkollu rwol kruċjali fl-implimentazzjoni tal-istrateġija UE 2020,
 - D. billi t-trasport huwa element essenzjali tal-politika Ewropea, u billi, għalhekk, l-UE teħtieġ qafas finanzjarju li jwieġeb għall-isfidi tal-politika tat-trasport fis-snin li ġejjin, jistimula l-ekonomija fit-terminu qasir, iżid il-produttività fuq perijodu medju u fit-tul u jsaħħaħ l-Ewropa bħala post tar-riċerka,
 - E. billi s-settur tat-trasport għandu impatt konsiderevoli fuq l-ambjent u fuq is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja tan-nies u, filwaqt li jiffaċilita l-mobilità privata u professjonali tan-nies, kien responsabbli, b'mod ġenerali, għal 27% tal-emissjonijiet totali tas-CO₂ fl-2008, u billi din iċ-ċifra kompliet togħla minn dak iż-żmien; billi t-trasport bit-triq ammonta għal 70.9%, l-avjazzjoni għal 12.5%, it-trasport bil-baħar u fuq l-ilmijiet interni għal 15.3% u t-trasport ferrovjarju għat 0.6% tal-emissjonijiet tas-CO₂ totali mis-settur tat-trasport fl-2007,
 - F. billi fl-Ewropa l-mezzi kollha tat-trasport għamlu sforzi biex itejjbu s-sigurtà; billi, madankollu, fl-2008 madwar 39,000 persuna mietu f'inċidenti tat-traffiku u 300,000 persuna weġġgħu serjament, li jfisser li huma meħtieġa aktar sforzi fir-rigward tal-aspetti kollha tas-sikurezza, b'mod partikulari s-sikurezza fit-toroq,
 - G. billi l-UE impenjat ruħha, fil-pakkett tat-tibdil fil-klima, biex tikseb 20% tnaqqis fl-

¹ ĠU L 300, 14.11.2009, p. 34.

emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2020 meta mqabbla mal-1990, objettiv li jibqa' vinkolanti,

- H. billi l-għanijiet stabbiliti fil-White Paper tal-2001 intlaħqu biss parzjalment, b'mod li trid tiġi eżaminata l-kwistjoni dwar jekk dawn għandhomx jinżammu jew jitfasslu mill-ġdid u, fejn jiġi ppruvat li huwa meħtieġ, l-isforzi għall-kisba ta' dawn l-għanijiet iridu jissaħħu;
- I. billi l-problemi bit-traspożizzjoni, bħat-traspożizzjoni tard jew mhux korretta, għandhom impatt konsiderevoli fuq l-effettività tal-leġiżlazzjoni Ewropea; billi, għalhekk, hemm hteieġa urġenti għal azzjoni f'dan ir-rigward,
- J. billi l-ħidma tal-Parlament għandha tkun konsistenti, partikolarment fl-oqsma li jaffettwaw il-politika tat-trasport b'mod dirett bħal, per eżempju, il-politika ambjentali u soċjali, l-ippjanar urban u tal-użu tal-art u l-politika ekonomika u dik dwar l-impjiegi;
- K. billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika laqtet lill-settur tat-trasport bil-qawwi, sitwazzjoni li għandha, madankollu, tittieħed bħala opportunità għall-appoġġ u l-promozzjoni tal-industrija tat-trasport b'mod li jħares 'il quddiem, speċjalment permezz tal-promozzjoni tas-sostenibilità tal-mezzi tat-trasport u investimenti fit-trasport ferrovjarju u fuq l-ilma, fost oqsma oħra; billi dan se jassigura livell aktar ugwali fis-suq,
- L. ***billi, bħala parti mir-reviżjoni li jmiss tal-aġenziji, il-valur miżjud tal-aġenziji għandu jkun analizzat, bħall-hteieġa li titwaqqaf aġenzija Ewropea tat-trasport,***
- M. billi huwa essenzjali li jitwaqqfu objettivi li jistgħu jitkejlu għas-settur tat-trasport, bħala mezz kemm ta' monitoraġġ tal-effiċjenza tal-politika tat-trasport b'mod aktar effettiv kif ukoll biex jiġu stabbiliti l-linji ta' gwida soċjali u ekonomiċi tal-ippjanar, ***u jintwera li l-miżuri proposti huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-politika tat-trasport stabbilita,***
- N. billi l-iżviluppi sinifikanti fir-riċerka, l-infrastruttura u t-teknoloġija jeħtieġu aġġustamenti fil-qasam tar-riżorsi u l-istrumenti finanzjarji,
- O. billi l-iżviluppi fis-soċjetà u f'firxa wiesgħa ta' setturi ekonomiċi jwasslu għal domanda akbar fis-settur tat-trasport, u b'hekk il-mezzi kollha tat-trasport huma vitali; billi, madankollu, dawn għandhom jitkejlu skont l-effiċjenza tagħhom f'termini tal-politiki ekonomiċi, ambjentali, soċjali u tal-impjiegi,
- P. billi, fil-futur, l-interoperabilità sostenibbli tal-mezzi kollha tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija se tkun meħtieġa sabiex jinkisbu ktajjen tat-trasport sikuri, sostenibbli, loġistikament konsistenti u għalhekk effiċjenti, inklużi soluzzjonijiet multi-modali u l-konnessjoni tat-trasport lokali ma' dak fuq distanzi twal,

Sfidi soċjali, ekonomiċi u ambjentali

1. Huwa konvint li l-politika tal-UE b'mod ġenerali teħtieġ viżjoni ċara u koerenti tal-futur tat-trasport bħala settur fil-qalba tas-suq uniku, li tiggarantixxi moviment liberu ta' persuni u oġġetti u tiżgura l-koeżjoni territorjali fl-Ewropa; huwa tal-fehma li, filwaqt li jkompli jiġġenera parti sinifikanti tat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività tal-Ewropa, is-settur tat-trasport għandu jiggarantixxi l-effiċjenza ekonomika u jiżviluppa fi ħdan standards soċjali u ambjentali konsistentement għolja;
2. Huwa konvint li l-bidla demografika, b'mod partikolari f'żoni urbani, se tagħti lok għal sfidi rigward is-sikurezza u l-kapaċità għat-trasport u l-mobilità, u li d-dritt bażiku għall-mobilità, assigurat, fost affarijiet oħra, permezz tal-aċċessibilità mtejba u l-bini ta' konnessjonijiet infrastrutturali neqsin, u l-applikabbiltà ta' dan id-dritt, huma kruċjali f'dan ir-rigward; jenfasizza li, f'dan il-kuntest, ktajjen multimodali tat-trasport integrati tajjeb inklużi l-mixi u ċ-ċikliżmu u t-trasport pubbliku huma l-mezzi għall-ġejjien għaż-żoni urbani; ***jirrimarka f'dan ir-rigward li fiż-żoni urbani hija l-istruttura eżistenti, b'mod partikolari, li tiddetermina liema huwa l-mezz l-aktar xieraq***; iqis li l-kollegamenti tajbin tat-trasport pubbliku f'inħawi rurali jnaqqsu l-użu tal-karozzi privati; jappella għall-ħolqien ta' Reġjuni Urbani Funzjonali, bil-għan li jinħolqu sistemi tat-trasport urbani u suburbani koerenti u sabiex il-popolazzjonijiet rurali ma jinfirxux;
3. Jitlob lill-Kummissjoni biex tintroduċi Pjanijiet ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (SUMP) għall-ibliet ta' aktar minn 100,000 abitant u, b'rispett xieraq għall-prinċipju ta' sussidjarjetà, tinkoraġġixxi l-ibliet biex ifasslu pjanijiet ta' mobilità li jipproponu kunċett ta' trasport integrat bil-għan li titnaqqas il-ħsara ambjentali u biex il-mobbiltà ssir aktar b'saħħitha u aktar effiċjenti;
4. Iqis li d-domanda dejjem akbar twassal ukoll, fost fatturi oħra, għal tensjoni żejda rigward il-kapaċità u għal tnaqqis fl-effiċjenza minħabba problemi ta' infrastruttura fil-qasam tat-trasport tal-merkanzija u li, primarjament, l-użu komodali u s-sikurezza tal-utenti tat-trasport u l-oġġetti ttrasportati għalhekk għandhom jiżdiedu u li jeħtieġ li jsir titjib fundamentali tal-infrastruttura, b'mod partikolari t-tneħħija tal-postijiet ta' konġestjoni;
5. Jenfasizza li d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport hija waħda mill-isfidi ewlenin tal-politika tat-trasport tal-UE għall-ġejjieni u li għandhom jintużaw il-mezzi sostenibbli kollha disponibbli sabiex jinkiseb dan, bħal taħlita ta' enerġija li tippromwovi r-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji u mezzi li jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent, miżuri tal-formazzjoni tal-prezz u l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tal-mezzi kollha tat-trasport, sakemm id-dħul iġġenerat fil-livell tal-UE jintuża biex titjeb is-sostenibbiltà tal-mobilità u jittieħdu miżuri biex tiġi adattata l-imġiba tal-utenti tat-trasport u l-professjonisti (ħolqien ta' kuxjenza, imġiba favur l-ambjent, eċċ); jenfasizza li, għal dan il-għan, għandu jkun hemm żvilupp prijoritarju ta' inċentivi finanzjarji li jeskludi kull tgħawiġ tal-kompetizzjoni ***bejn il-mezzi tat-trasport u l-Istati Membri*** fil-proċess;
6. Jirrikonoxxi li, skont l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), it-trasport marittimu jikkaġuna minn 3 sa 5 darbiet anqas CO₂ mit-trasport bl-art iżda jinsab mħasseb dwar l-emissjonijiet mbassra ta' SO_x u ta' NO_x mit-trasport marittimu li se

jkunu bejn wieħed u ieħor daqs tat-trasport fuq l-art sal-2020, u dwar it-tentattiv inkonklużiv tal-IMO li tistabbilixxi sistema ta' tnaqqis tas-CO2;

7. Jenfasizza l-ħtieġa li l-pubbliku ġenerali jkun infurmat aħjar dwar il-konsegwenzi tal-ivvjaġġar għar-rikreazzjoni u jstieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-ivvjaġġar għar-rikreazzjoni fl-approċċ tal-politika tagħha;

Is-Sikurezza

8. Jenfasizza li s-sigurtà għandha tibqa' waħda mill-għanijiet prijoritarji tal-politika tat-trasport tal-ġejjieni u li s-sigurtà ta' utenti attivi u passivi tal-mezzi kollha tat-trasport għandha tkun garantita; iqis li hija ta' importanza kbira li jitnaqqsu l-effetti tat-trasport fuq is-saħħa, speċjalment permezz tal-użu ta' teknoloġiji moderni, u li jiġu żgurati d-drittijiet tal-passiġġieri fil-mezzi kollha tat-trasport, partikolarment dawk b'mobilità mnaqqsa, permezz ta' regolamenti ċari u trasparenti; jappoġġja l-ħolqien ta' karta ta' drittijiet tal-passiġġieri fl-Unjoni Ewropea;
9. Jstieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta studju qasir ħafna li jagħi dettalji dwar l-aħjar prattiki tal-Istati Membri dwar l-impatt tal-limitaturi tal-veloċità għat-tipi kollha ta' vetturi u ta' toroq, kemm urbani u kemm inter-urbani, bil-ħsieb li jitressqu miżuri leġiżlattivi bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet u tittejjeb is-sikurezza tat-toroq;
10. Jenfasizza l-ħtieġa ta' garanzija kemm tas-sigurtà personali kif ukoll ta' ċertezza legali għall-ħaddiema fis-settur tat-trasport billi, fost ħwejjeġ oħra, jinħoloq għadd suffiċjenti ta' postijiet ta' parking sikuri u jiġi armonizzat l-infurzar tar-regoli tat-trasport bit-triq u s-sanzjonijiet li jipprovdu għalihom; jenfasizza wkoll li l-introduzzjoni ta' infurzar transkonfinali tas-sanzjonijiet se ttejjeb is-sigurtà fit-toroq għall-utenti kollha;
11. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-provvista ta' żoni ta' parking fin-netwerk tat-toroq trans-Ewropej (TERN) ma żammitx il-pass maż-żieda fit-trasport tal-merkanzija bit-triq, li jfisser li l-konformità mal-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ permissibbli stabbiliti għas-sewwieqa professjonali, speċjalment waqt il-ħinijiet ta' bil-lejl, u s-sikurezza tat-toroq b'mod aktar ġenerali, se tkun serjament kompromessa jekk il-kwalità u l-kwantità ta' faċilitajiet ta' mistrieħ ma jittejjeb fl-Istati Membri tal-UE;

Il-komodalità effiċjenti

12. Jinnota li l-iżvilupp tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija b'mod ġenerali jiddependi ħafna fuq l-użu effettiv tal-mezzi differenti tat-trasport, u li l-għan tal-politika Ewropea tat-trasport għalhekk għandu jkun il-komodalità effettiva, li hija marbuta mill-qrib mad-dekarbonizzazzjoni, is-sikurezza u l-aspetti ekonomiċi tat-trasport; jemmen li dan se jwassal għal riallokazzjoni aħjar bejn il-mezzi differenti tat-trasport u bidla lejn mezzi iktar sostenibbli tat-trasport, u se jipprovdi għall-interoperabilità fi ħdan u bejn il-mezzi, jippromwovi ktajjen tat-trasport u tal-loġistika u għażliet modali aktar sostenibbli u jsaħħaħ il-flussi tat-traffiku bla ostakli fil-mezzi u l-interkonnessjonijiet differenti;
13. Jenfasizza li l-komodalità effiċjenti għandha titkejjel mhux biss f'termini ta' vijabilità, iżda wkoll skont il-kriterji tal-protezzjoni ambjentali, il-kundizzjonijiet soċjali u tax-

xogħol, is-sikurezza u l-koeżjoni territorjali, u għandhom jitqiesu wkoll il-possibilitajiet u l-livelli inizjali tekniċi differenti tal-mezzi differenti tat-trasport u tal-pajjiżi, ir-reġjuni u l-ibliet fl-Ewropa;

14. Jenfasizza li l-komodali effiċjenti tiffisser titjib fl-infrastruttura - fost affarijiet oħra permezz tal-iżviluppa ta' kurituri ħodor, tnaqqis tal-konġestjoni u t-titjib tat-trasport ferrovjarju u fuq l-ilma-, l-avvanz tas-sikurezza permezz ta' teknoloġiji ġodda u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol;

Il-kisba tas-suq waħdieni

15. Jitlob għal reviżjonijiet regolari tal-leġislazzjoni Ewropea u t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tagħha, bil-ħsieb li tiġi ggarantita l-effettività tagħha; jistieden lill-Kummissjoni konsistentement biex tneħħi l-ostakoli kkawżati minn traspożizzjoni inkoretta jew fit-tard tal-leġislazzjoni Ewropea fl-Istati Membri;
16. Jipproponi li fil-qafas il-ġdid tat-Trattat ta' Liżbona, u bil-kunsens tal-Kummissjoni, issir mill-inqas laqgħa waħda konġunta kull sena mar-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali responsabbli għat-trasport, bil-għan li jaqsmu l-għarfien bejniethom u jikkooperaw sabiex jiżguraw implimentazzjoni aħjar u aktar effettiva tal-leġislazzjoni tal-UE dwar it-trasport;
17. Iqis li t-trasport għandu rwol essenzjali fit-tlestija tas-suq uniku Ewropew u l-moviment ħieles għall-persuni u l-merkanzija, u li l-ftuħ irregolat tas-suq għandu jinkiseb, primarjament fis-settur tat-trasport ferrovjarju, fl-Istati Membri kollha tal-UE; huwa tal-fehma li dan il-ftuħ sħiħ tas-suq se jibbenefika l-konsumaturi u għandu jkun akkumpanjat minn miżuri ta' salvagwardja tal-kwalità tas-servizzi pubbliċi, kif ukoll pjan ta' investiment fit-tul għall-infrastruttura u l-interoperabbiltà teknika sabiex jittejjbu l-effiċjenza u s-sigurtà u miżuri mmirati biex jiġi evitat tgħawiġ tal-kompetizzjoni intra-modali u inter-modali, inter alia fl-oqsma soċjali, fiskali, ambjentali u tas-sikurezza; l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni soċjali u ambjentali għandha ssir gradwalment, u għandha tibda mit-trasport bit-triq u tal-ajru, li jniġġsu aktar;
18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jiffaċilitaw it-tlestija tal-liberalizzazzjoni tat-trasport ta' kabotaġġ, biex inaqqsu l-frekwenza ta' mili fil-vojt u biex jipprovdu netwerk tat-triq u tal-ferrovija aktar sostenibbli f'forma ta' ċentri tat-trasport tat-tagħbija;
19. Jemmen li huwa essenzjali, sabiex tinkiseb sistema effiċjenti tat-trasport marittimu li tikkomplementa l-mezzi l-oħra, li għal darb'oħra niffukaw fuq proċess ta' liberalizzazzjoni ċar li jippermetti li din tkun verament kompetittiva;
20. Jenfasizza, fir-rigward tal-ħtiġiet ekonomiċi, l-importanza tal-ġestjoni ġenwinament Ewropea tal-infrastruttura tat-trasport (il-kurituri tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija u tal-passiġġieri, is-Sema Uniku Ewropew, il-portijiet u l-konnessjonijiet tagħhom man-netwerk tat-trasport, iż-żona marittima mingħajr fruntieri, l-ilmijiet interni navigabbli) bil-ħsieb li jiġi eliminat l-"effett transkonfinali" fil-mezzi kollha tat-trasport u jissaħħu l-kompetittività u l-fattur ta' attrazzjoni tal-UE;

21. Jitlob għall-ħolqien ta' sistema ta' riservazzjoni komuni Ewropea sabiex issaħħa l-effettività tal-mezzi tat-trasport differenti u tissimplifika u tkabbar l-interoperabilità tagħhom;
22. Jenfasizza t-trasport għandu impatti fuq il-politika soċjali, tas-saħħa u tas-sigurtà u li, fil-kuntest tal-ħolqien ta' żona waħda tat-trasport, il-kundizzjonijiet tal-impjeg u tax-xogħol u l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom jiġu armonizzati fuq livell għoli u jittejbu kontinwament fuq il-bażi ta' dialogu soċjali effettiv fil-livell Ewropew; jenfasizza li l-ħolqien ta', fost l-oħrajn, ċentri tat-taħriġ Ewropej u ċentri ta' eċċellenza tal-UE fl-Istati Membri rilevanti jista' jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kwalità tat-taħriġ li tista' tikejmel u l-istatus tal-impjegati tas-settur tat-trasport, kif ukoll ir-rikonossiment reċiproku ta' korsijiet tat-taħriġ;
23. Iqis li, sabiex tinkiseb effettività akbar fil-politika tat-trasport, jeħtieġ li ssir evalwazzjoni tal-programmi (bħall-Galileo u l-ITS għall-mezzi kollha tat-trasport) u, skont ir-riżultati, l-istrateġija u l-ipprogrammar għandhom jiġu orjentati mill-ġdid kif xieraq; jara bżonn konsegwenti, fost affarijiet oħra, ta' programm ġdid tas-sigurtà tat-traffiku fit-toroq, ta' spinta mill-ġdid lit-TEN-Ts, ta' revizzjoni ta' nofs it-term ta' NAIADES, l-implimentazzjoni urġenti u sħiħa tal-programm Sema Waħdieni Ewropew, SESAR u t-Tmien Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-kontinwazzjoni tal-programm Marco Polo f'forma simplifikata;

Aġenziji Ewropej

24. Huwa tal-fehma li l-interoperabilità teknika u l-iffinanzjar tagħha, iċ-ċertifikazzjoni Ewropea, l-istandardizzazzjoni u r-rikonossiment reċiproku huma elementi essenzjali ta' suq waħdieni li jiffunzjona b'mod effettiv, u li l-infurzar ta' dawn għandu jkollu pożizzjoni aktar prominenti fil-ħidma tal-aġenziji varji; jenfasizza li l-aġenziji kollha għandhom iħabirku għal, u malajr jiksbu, livell għoli simili ta' responsabbiltà u kompetenza u għandhom jiġu evalwati regolarment; jinkoraġġixxi b'mod partikolari l-iżvilupp tal-potenzjal sħiħ tal-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea, inklużi t-teħid progressiv mill-aġenzija tar-responsabbiltà għaċ-ċertifikazzjoni tar-rolling stock ġdid kollu u l-infrastruttura tal-ferroviji u għal verifiki regolari tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza jew entitajiet ekwivalenti fl-Istati Membri, kif stabbilit fid-Direttiva 2004/49/KE tad-29 ta' April 2004;
25. Jenfasizza li 75% tat-trasport isir bit-toroq, u jitlob li jitqies il-bżonn ta' aġenzija għat-trasport bit-triq, b'mod partikolari biex ittejjeb is-sikurezza fit-toroq u biex tiggarantixxi d-dritt fundamentali tal-persuni għall-mobilità sikura billi tappoġġja applikazzjonijiet ġodda (bħall-Galileo u teknoloġiji xierqa bl-istess mod għal sistemi ta' trasport intelliġenti) u tmexxi programmi ta' riċerka; iqis, barra minn hekk, li din l-aġenzija għandha tkun kapaċi tiegħu azzjoni regolatorja f'każ li jkollhom jitneħħew l-ostakli għas-suq waħdieni sostenibbli;
26. Jirrimarka li t-trasport fuq l-ilmijiet interni navigabbli għadu jħabbat wiċċu ma' qafas istituzzjonali differenti u jitlob li titwaqqaf kooperazzjoni permanenti u strutturata bejn l-istituzzjonijiet kompetenti sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' dan il-mezz ta' trasport;

Ir-riċerka u t-teknoloġija

27. Jitlob li jkun hemm aġenda għar-riċerka u t-teknoloġija għas-settur tat-trasport; iqis li din l-aġenda għandha jittejjja b'kooperazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti kollha sabiex jiġu mifhuma l-ħtiġijiet tas-settur u, għaldaqstant, tittejjeb l-allokazzjoni tal-finanzjament tal-UE; huwa tal-fehma li għandha tingħata prijorità lil proġetti sabiex jiddekarbonizzaw it-trasport, tiżdied it-trasparenza tal-katina tal-provvista u s-sigurtà tat-trasport, tittejjeb il-ġestjoni tat-traffiku u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi;
28. Jenfasizza li r-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni jeħtieġu l-appoġġ, billi jwasslu għal tittejjeb ambjentali konsiderevoli fil-mezzi kollha tat-trasport minħabba t-tnaqqis fil-gassijiet tal-exhaust u l-istorbju tat-traffiku, itejbu s-sikurezza permezz tal-ħolqien ta' soluzzjonijiet li jiżguraw użu aħjar tal-kapaċità infrastrutturali eżistenti u jnaqqsu l-konġestjoni u, mhux l-inqas, iwasslu għal aktar indipendenza rigward l-enerġija fil-mezzi kollha fi ħdan in-netwerk tat-trasport; jenfasizza f'dan ir-rigward li l-organizzazzjoni tat-trasport intelliġenti, interoperabbli u konnessa flimkien ma' sistemi tas-sigurtà, bħal ERTMS, Galileo, SESAR, l-ITS u teknoloġiji xierqa oħra, jeħtieġu appoġġ f'termini ta' riċerka u żvilupp kif ukoll fl-applikazzjoni tagħhom; jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li ċ-ċittadini kollha madwar Ewropa jibbenefikaw minn dawn is-sistemi ta' trasport intelliġenti; jinnota li għandhom jiġu introdotti l-kundizzjonijiet ta' qafas meħtieġa u standards miftuħin għal teknoloġiji promettenti mingħajr ma' jingħata vantaġġ mhux mistħoqq lil xi teknoloġija partikolari;
29. Jenfasizza li fil-qafas tal-ħarsien tal-klima u tal-indipendenza tal-enerġija tal-UE, kull mezz tat-trasport għandu jnaqqas l-emissjonijiet tas-CO2 tiegħu u jkun appoġġjat minn riċerka u żvilupp fit-teknoloġiji innovattivi, effiċjenti rigward l-enerġija u nodfa u fl-enerġiji li jiġġeddu li jwasslu biex, fost affarijiet oħra, ikun hemm vetturi aktar sostenibbli fil-mezzi kollha tat-trasport; iqis li dan fl-istess ħin isaħħaħ il-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej;
30. Jenfasizza l-ħtieġa ta' definizzjoni uniformi ta' termini rilevanti relatati mas-sigurtà fit-toroq u r-riċerka dwar l-inċident, sabiex tiġi żgurata l-komparabilità tar-riżultati u ta' kwalunkwe miżuri li jistgħu jiġu implimentati;
31. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tad-dokumenti tat-trasport b'konformità mal-aktar istandards reċenti ta' komunikazzjoni, kif ukoll l-applikabilità multimodali u internazzjonali tagħhom, tista' twassal għal tittejjeb konsiderevoli fis-sigurtà u l-loġistika u tnaqqis drastiku fil-piż amministrattiv;

Fond tat-Transport u n-netwerk tat-transport Ewropew

32. Jenfasizza li politika tat-transport effiċjenti teħtieġ qafas finanzjarju li jkun xieraq għall-isfidi li jitfaċċaw u li, għalhekk, ir-riżorsi attwali għat-trasport u l-mobilità għandhom jiżdiedu; iqis li dawn huma meħtieġa:
 - a. il-ħolqien ta' fond tat-transport li jkollu riżorsi aktar minn dawk li huma diġà inklużi fil-baġit tal-UE, li għandu jsir billi tingħaqad parti mill-Fondi Strutturali u mill-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni u l-PPPs jew strumenti finanzjarji oħra, bħall-garanziji; fond ta' dan it-tip għandu jintuża fil-livelli kollha tal-gvern għat-tittejjeb tal-infrastruttura tat-trasport, l-appoġġ tal-proġetti TEN-T, biex

- jiżgura l-interoperabilità teknika u operattiva, jappoġġja r-riċerka u jipprova l-implimentazzjoni ta' sistemi intelliġenti tat-trasport fil-mezzi kollha tat-trasport; il-finanzjament għandu jkun iggwidat minn kriterji ta' għoti trasparenti li jqisu l-komodalità effiċjenti kif imsemmi fil-paragrafu 5, il-politika soċjali, is-sigurtà u l-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali;
- b. impenn baġitarju għal politika tat-trasport taħt il-qafas finanzjarju multiannwali;
- c. il-possibbiltà li, fil-qafas tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir, u bil-ħsieb tal-promozzjoni tas-sostenibbiltà fiż-żmien medju u fit-tul, in-natura fit-tul tal-investimenti fl-infrastruttura tat-trasport, li ttejjeb il-kompetittività tal-ekonomija, titqies meta jiġi kkalkulat id-defiċit pubbliku, sakemm il-Kummissjoni tkun approvat dan minn qabel;
- d. l-użu tal-fond biex jirrekjedi, fost affarijiet oħra, ko-finanzjament minn dħul iġġenerat mill-internalizzazzjoni ta' spejjeż esterni;
33. Jitlob li l-politika tat-trasport tkun kapaċi tippromwovi, fost l-oħrajn, it-trasport bil-ferrovija u bil-vapur, il-politika tal-port u t-trasport pubbliku permezz ta' appoġġ finanzjarju li ma jitkejjilx bl-użu tal-kriterji tal-kompetittività b'konformità mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna statali;
34. Iqis li l-kriżi finanzjarja u ekonomika għandha sservi bħala opportunità biex jingħata appoġġ immirat għall-qasam tat-trasport u biex tippermetti investiment fi trasport li jkun l-ewwelnett sikur, li jirrispetta l-ambjent u għalhekk li jkun sostenibbli permezz tal-provvista ta' għajnuna finanzjarja; huwa tal-fehma li l-investimenti l-UE fi proġetti tat-trasport għandhom jitqiesu fil-kuntest tal-istrateġija UE 2020, billi s-sistemi tat-trasport u tal-mobilità joffru opportunitajiet uniċi għall-ħolqien ta' impjiegi stabbli;
35. Huwa konvint li d-definizzjoni ta' netwerk ewlieni Ewropew fi ħdan in-netwerk ġenerali tat-TEN, li għadha prijorità għall-politika tat-trasport tal-UE, għandha tiġi evalwata skont kriterji ta' żvilupp sostenibbli fuq livell Ewropew u wkoll reġjonali u lokali, u li l-pjattaformi multimodali u l-portijiet xotti jibqgħu element essenzjali tal-provvista infrastrutturali, peress li dawn jippermettu interkonnessjonijiet effettivi bejn il-mezzi differenti tat-trasport;
36. ***Huwa tal-fehma li l-proġetti TEN-T għandhom jibqgħu prijorità tal-politika tat-trasport tal-UE u li hemm hteġa urġenti biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' infrastruttura u biex jingħelbu l-ostakoli storiċi u ġeografiċi li għad hemm fil-fruntieri; jenfasizza li t-TEN-T għandhom jiġu integrati f'netwerk pan-Ewropew b'konnessjonijiet li jestendu lil hinn mill-UE, u jqis li dan il-proċess jista' jiġi aċċellerat billi jżiedu l-fondi;***
37. Jitlob li t-trasport fuq l-ilmijiet interni navigabbli, il-portijiet interni u l-konnessjonijiet multimodali tal-portijiet tal-baħar mal-intern jingħataw rwol akbar fil-politika Ewropea tat-trasport, kif ukoll appoġġ akbar, sabiex jgħinu biex jitnaqqas l-impatt ambjentali u tiżdied is-sikurezza tat-trasport fl-UE; iqis li ***l-prestazzjoni ambjentali ta' bastimenti li jnavigaw fuq l-ilmijiet interni tista' tittejjeb b'mod radikali jekk jiġu installati magni ġodda mgħammra bit-teknoloġija l-aktar moderna li tikkontrolla l-emissjonijiet;***
38. Jenfasizza l-hteġa li wieħed iqis it-trasport bil-baħar fuq distanza qasira u proġetti ta'

"awtostradi fil-baħar" f'kuntest usa' li jħaddan il-pajjiżi li ġeografikement huma l-eqreb lejn l-Ewropa; jinnota li dan se jirrikjedi sinerġija aħjar li trid tintlaħaq bejn il-politika reġjonali, il-politika tal-iżvilupp u l-politika tat-trasport;

39. Jirrikonoxxi li l-ajruporti reġjonali għandhom rwol ewlieni fl-iżvilupp ta' reġjuni periferiċi u tar-reġjuni l-aktar imbiegħda permezz taż-żieda fil-konnettività ma' ċentri; jikkunsidra li tkun ħaġa partikolarment utli li jiġu applikati soluzzjonijiet intermodali fejn ikun possibbli; huwa tal-opinjoni li l-konnessjonijiet tal-ferroviji (b'veloċità kbira) bejn l-ajruporti joffru opportunità ideali sabiex issir konnessjoni sostenibbli bejn it-tipi differenti tat-trasport.

It-trasport fil-kuntest globali

40. Jenfasizza li l-ħolqien ta' żona Ewropea tat-trasport hija prijorità importanti li tiddependi ħafna fuq l-aċċettazzjoni internazzjonali fil-qafas ta' ftehimiet li għad iridu jiġu konklużi għall-mezzi kollha tat-trasport, b'mod partikolari f'konnessjoni mat-trasport bl-ajru u bil-baħar, u li l-UE għandu jkollha rwol dejjem aktar formattiv fl-entitajiet internazzjonali rilevanti;

Measurable targets for 2020

41. Jitlob li jkun hemm konformità ma' objettivi aktar ċari u li jistgħu jitkejlu aktar u li għandhom jintlaħqu fl-2020 b'referenza għall-2010, u għalhekk jipproponi:
- tnaqqis ta' 40% fl-imwiet u fil-korrimenti serji fit-toroq għall-utenti attivi u passivi tat-trasport bit-triq, u li din il-mira għandha tiġi stipulata kemm ***fil-White Paper dwar it-Trasport li se tiġi ppubblikata kif ukoll fil-Programm ġdid ta' Azzjoni għas-Sikurezza tat-Toroq***;
 - żieda ta' 40% fil-provvista ta' żoni ta' parkeġġ għall-vetturi li jgħorru l-merkanzija tqila ***fin-netwerk tat-toroq trans-Ewropew (TERN)*** f'kull Stat Membru sabiex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq u tiġi żgurata l-konformità mal-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti għas-sewwieqa professjonali;
 - l-irduppar tan-numru tal-passiġġieri li jużaw il-karozzi tal-linja, it-tramm u l-ferrovija (u, jekk rilevanti, il-passiġġieri tal-vapuri) u żieda ta' 20% fil-finanzjament għall-kunċetti ta' trasport li ma jgħolqux kunflitt ma' persuni mexjin fit-triq u dawk li jużaw ir-roti, sabiex jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja, notevolment id-drittijiet tal-passiġġieri b'diżabilità u b'mobilità mnaqqsa;
 - tnaqqis ta' 20% fl-emissjonijiet tal-exhaust tas-CO2 mit-traffiku tal-passiġġieri u tal-merkanzija fit-toroq, li jrid jintlaħaq permezz ta' innovazzjonijiet xierqa, il-promozzjoni ta' enerġija alternattiva u l-ottimizzazzjoni loġistika tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija,
 - tnaqqis ta' 20% fl-enerġija użata minn vetturi tal-ferrovija meta mqabbla mal-livell u l-kapaċità tal-2010 u tnaqqis ta' 40% fl-użu tad-diżil fis-settur ferrovjarju, li

għandu jintlaħaq permezz ta' investimenti mmirati fl-elettrifikazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja;

- l-installazzjoni ta' sistema kompatibbli mal-ERTMS u li tikkontrolla l-veloċità tal-ferrovija b'mod awtomatiku u interoperabbli għar-rolling stock kollu għdid tal-ferroviji kkummissjonat mill-2011, u għal-linji ta' konnessjoni ġodda u rijabilitati fl-2011; żieda fl-isforzi finanzjarji tal-UE għall-implimentazzjoni u l-estensjoni tal-pjan ta' skjerament ERTMS;
 - tnaqqis ta' 30% fl-emissjonijiet ikkawżati mit-trasport bl-ajru madwar l-ispazju tal-ajru tal-UE sa l-2020, wara din id-data, kwalunkwe tkabbir fit-trasport bl-ajru għandu jkun newtrali rigward il-karbonju;
 - appoġġ finanzjarju għall-ottimizzazzjoni, l-iżvilupp u, fejn meħtieġ, il-ħolqien ta' konnessjonijiet multimodali (pjattaformi) għat-trasport fil-ilmijiet navigabbli interni, il-portijiet interni u l-ferroviji u żieda ta' 20% fin-numru ta' dawn il-pjattaformi;
 - mill-inqas 10% tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti rigward l-ilmijiet interni navigabbli;
42. Jistieden lill-Kummissjoni biex tissorvelja l-progress lejn l-ilħiq ta' dawn l-għanijiet u biex kull sena tirrapporta dwarhom lill-Parlament;
43. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Is-settur tat-trasport huwa importanti ferm għall-iżvilupp tas-Suq Intern Ewropew. Huwa jippermetti l-moviment ħieles taċ-ċittadini tal-UE u tal-merkanzija madwar l-Ewropa. Huwa wkoll element essenzjali tal-iżvilupp tal-UE u r-reġjuni tagħha u għandu influwenza diretta fuq il-koeżjoni soċjali tar-reġjuni. Għal din ir-raġuni, il-politika tat-trasport m'għandhiex titqies bħala diżassoċjata mill-oqsma tal-politika l-oħra. Is-settur tat-trasport jirrappreżenta 10% tal-prospertà tal-UE (bħala proporzjon tal-prodott gross domestiku) u jipprovdi aktar minn 10 miljun impjieg; madankollu, huwa jipproduċi wkoll madwar 25% tal-emissjonijiet tas-CO2 totali. Dan juri li s-settur tat-trasport huwa marbut direttament mal-politika reġjonali, ambjentali, ekonomika, soċjali u tal-impjiegi.

Is-sinifikat kbir tas-settur tat-trasport ifisser li jeħtieġ li titqies l-esperjenza tal-passat fit-tħejjija tal-White Paper li se tistabbilixxi linji ta' gwida għall-politika Ewropea tat-trasport fl-10 snin li ġejjin. Il-White Paper tal-2001 stabbiliet numru ta' għanijiet, pereżempju t-trasferiment tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija mit-triq għall-ferrovija u l-vapur u t-tnaqqis bin-nofs tal-għadd ta' mwiet tat-traffiku fit-toroq sal-2010. Għalkemm il-Parlament Ewropew adotta għadd kbir ta' miżuri leġiżlattivi fil-forma ta' regolamenti u ta' direttivi fl-aħħar 10 snin, l-għanijiet intlaħqu biss parzjalment. Ir-rapporteur iqis li dan huwa dovut għal problemi ta' traspożizzjoni fu'ohud mill-pajjiżi. Dan huwa minħabba:

- skadenzi għat-traspożizzjoni li huma twal wisq, per eżempju fil-każ tad-Direttiva dwar il-Liċenzji tas-Sewqan, li ma teħtieġx applikazzjoni sħiħa qabel l-2033,
- rekwiżiti addizzjonali stipulati minn xi Stati Membri, li jikkumplikaw bla bżonn ir-regoli eżistenti,
- traspożizzjoni mhux korretta jew li ma saritx,
- monitoraġġ insuffiċjenti tal-applikazzjoni mill-Istati Membri u n-nuqqas ta' katalogu armonizzat ta' każijiet serji ta' ksur.

Fil-fehma tar-rapporteur, dawn il-problemi passati u preżenti marbuta mat-traspożizzjoni għandhom jiġu evitati fil-futur permezz ta' monitoraġġ aktar strett.

Barra minn hekk, ir-rapporteur huwa konvint mill-importanza tal-koerenza, fuq kollox fix-xogħol magħmul mill-Parlament. L-eżempji li ġejjin juru n-nuqqas ta' koerenza li kultant tinstab fil-leġiżlazzjoni Ewropea:

- Wieħed mill-pedamenti tal-politika tat-trasport kien, fost l-oħrajn, il-promozzjoni tat-tbaħħir fil-qosor. Id-deċiżjonijiet tal-Pakkett tat-Tibdil fil-Klima ta' Diċembru 2008 jistgħu, madankollu, iwasslu għat-trasferiment ta' traffiku mill-ilma għal fuq it-toroq jekk ikun hemm żieda eċċessiva fl-ispejjeż tal-fjuwil.
- Filwaqt li l-istandards Euro VI jwasslu għal emissjonijiet aktar baxxi rigward il-partikolati, huma jwasslu wkoll għal żieda fil-konsum tal-fjuwil. Dan ovvjament mhuwiex konformi mar-rekwiżiti tal-ħarsien tal-klima.
- Huwa daqstant inkonsistenti li tibqa' tiġi enfasizzata l-importanza tal-investiment fit-TEN filwaqt li fl-istess ħin jitnaqqas preċiżament dan il-finanzjament (50% taħt ir-rakkomandazzjonijiet minimi).

Dan in-nuqqas ta' konsistenza għandu jiġi evitat fil-futur permezz ta' evalwazzjonijiet bir-reqqa tal-effettività li jqisu mhux biss l-effetti ekonomiċi, iżda wkoll l-impatt fuq l-ambjent, is-suq tax-xogħol u l-aspetti soċjali.

Is-settur tat-trasport qed jiffaċċja sfidi kbar, fosthom il-popolazzjoni li qed tixjiegħ. Ir-rapporteur huwa konvint li ż-żieda fil-popolazzjoni twassal għal problemi serji f'termini ta' sigurtà u kapaċità, peress li kulħadd għandu dritt fundamentali li jibbenefika mill-mobilità professjonali u privata. Din il-problema taffettwa l-mobilità urbana b'mod partikolari. Is-sodisfazzjoni ta' dan id-dritt għall-mobilità jinkludi t-twaqqif ta' standards ta' sigurtà u li jiġi żgurat li dawn jiġu rrispettati meta jingħata l-finanzjament. Politika tat-trasport għandha, fuq kollox, tiggarrantixxi s-sigurtà tal-passiġġieri u tal-utenti tat-trasport l-aktar vulnerabbli u passivi. L-adattament tal-infrastruttura huwa importanti f'dan ir-rigward, per eżempju li d-disinn tat-toroq jiġi adattat għas-sewwieqa tal-muturi u għaċ-ċiklisti.

Jeħtieġ ukoll li l-konnessjonijiet tat-trasport sostenibbli jsiru aktar attraenti, per eżempju permezz ta' biljetti singoli (one-tickets), on-line booking, koordinazzjoni aħjar tal-iskedi biex jissimplifikaw il-bidliet bejn il-mezzi tat-trasport, karta tad-drittijiet tal-passiġġieri għall-mezzi kollha tat-trasport u miżuri tal-formazzjoni tal-prezzijiet li, madankollu, jirrispettaw is-sussidjarjetà tal-Istati Membri.

Ir-rapporteur iqis id-domanda akbar fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bħala sfida oħra. F'dan is-settur hemm bżonn ta' soluzzjonijiet komodali sabiex tiżdied is-sigurtà tal-utenti tat-trasport u tal-merkanzija. Il-ħolqien ta' numru suffiċjenti ta' żoni tal-ipparkjar sikuri u ta' sistema ta' monitoraġġ għall-merkanzija huma wkoll importanti f'dan il-kuntest.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-effiċjenza għandu jkollhom rwol ewlieni fil-futur jekk l-isfidi tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija għandhom jiġu indirizzati fit-tul. L-isfidi għall-politika tat-trasport huma riżultat tat-tensjoni bejn l-aspetti ekonomiċi, soċjali, ambjentali u tas-saħħa, kif ukoll is-sigurtà. Ir-rapporteur iqis li m'għandux ikun hemm kompetizzjoni diretta bejn il-mezzi individwali tat-trasport fil-futur. Għall-kuntrarju, huma għandhom jikkomplimentaw lil xulxin, fuq il-bażi tal-evidenza ta' effiċjenza mtejba fl-oqsma kollha. Il-prinċipju tal-bidla modali m'għadux japplika, billi l-iżviluppi teknoloġiċi wasslu għal differenzi tant kbar bejn il-mezzi tat-trasport li l-ferrovija jew it-trasport bl-ilma mhux dejjem jagħmel inqas ħsara lill-ambjent mit-trasport bit-triq. Il-"komodalità effiċjenti" għandha tkun it-triq tal-gejġieni, peress li hija bbażata mhux fuq il-kompetizzjoni bejn il-mezzi individwali ta' trasport iżda fuq il-komplementarjetà soġġetta għal evalwazzjoni stretta tal-effiċjenza. Skont l-evalwazzjoni, il-leġislazzjoni proposta kollha għandha tiġi eżaminata minn qabel biex titqies l-effiċjenza tagħha f'termini tal-aspetti ekonomiċi, ambjentali, soċjali u aspetti ta' sigurtà.

L-evalwazzjoni tal-effiċjenza għandha tqis mhux biss il-punti ta' tluq differenti ta' kull mezz ta' trasport iżda wkoll il-karatteristiċi ġeografiċi u l-iżvilupp tat-trasport u tal-mobilità fir-reġjuni kkonċernati. Il-promozzjoni jew ix-xkiel ta' ċerti mezz ta' trasport għandhom jiġu mkejla mal-kriterju tal-effiċjenza, b'konformità mal-kunċetti tal-iżvilupp reġjonali..

Il-piż fuq is-saħħa u l-ambjent ikkawżat mit-trasport jirrappreżenta sfida sostanzjali oħra, speċjalment fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport hija għan politiku sinifikanti f'dan ir-rigward u għandha tiġi ttrattata b'impenn akbar fil-futur. Il-mezzi kollha li huma oġġettivament possibbli għandhom jiġu applikati sabiex jintlaħaq dan il-għan. F'dan il-kuntest għandha tiġi enfasizzata l-possibbiltà li jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni. Madankollu, dan jista' jagħti kontribut sinifikanti għat-tnaqqis tal-gassijiet tal-exhaust, tal-istorbju u wkoll tal-punti ta' konġestjoni tat-trasport biss jekk jiġu sodisfatti żewġ

kundizzjonijiet: l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni għandha tkopri l-mezzi kollha tat-trasport, u d-dħul għandu jintuża biex itejjeb is-sostenibilità tal-infrastruttura.

Sfida oħra tikkonċerna s-Suq Intern Ewropew. Dan huwa għan li jrid jintlaħaq. It-trasport ferrovjarju, fuq kollox, irid jikseb ftuħ komplet tas-suq fil-futur. L-ostakoli għal dan, bħat-traspożizzjoni tard jew mhux korretta tal-leġiżlazzjoni Ewropea mill-Istati Membri jew l-ostakoli prattiċi bħal ċertifikazzjoni għalja ħafna tal-ferroviji, għandhom jitneħħew kemm jista' jkun malajr. Dawn l-ostakoli spiss purament jirriżultaw mill-protezzjoniżmu. Minflok għandhom jitħeġġu l-koordinazzjoni teknika u l-interoperabilità. Ir-rwol tal-aġenziji, li għandhom il-kompitu tal-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, għandu jissaħħaħ f'dan ir-rigward.

Ir-rapporteur jenfasizza wkoll l-importanza ta' sistemi intelliġenti fl-organizzazzjoni tat-trasport. L-ISTs għandhom ikunu favorizzati, billi dawn iżidu s-sikurezza u jħeġġu mgħiba favur l-ambjent rigward il-mobilità. Huma jikkontribwixxu għal tnaqqis fit-tniġġis ikkawżat mit-trasport u fl-istorbju u jinkoraġġixxu l-indipendenza fl-enerġija.

Madankollu, l-effiċjenza tal-politiki Ewropej tiddependi wkoll fuq kemm l-Istati Membri huma lesti li jabbandunaw il-prerogattivi nazzjonali tagħhom favur regolamenti Ewropej jew saħansitra internazzjonali. Dan japplika għall-politika fiskali u soċjali u għad-dispożizzjonijiet soċjali fir-rigward tal-mezzi kollha tat-trasport. Ir-rapporteur għalhekk iqis li, fil-kuntest ta' żona waħda tat-trasport, hemm ukoll il-ħtieġa li jinħolqu kundizzjonijiet tax-xogħol uniformi u ta' kwalità. Dan ifisser ukoll l-armonizzazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ. L-UE għandha tagħti lill-pajjiżi kollha l-opportunità li jinħolqu ċentri ta' eċċellenza kemm biex jirrinforzaw iċ-ċentri ta' riċerka kif ukoll biex jitjiebu l-istandards tat-taħriġ. Dan se jikkontribwixxi wkoll biex jiżdied ir-rikonossiment reċiproku tal-programmi tat-taħriġ.

Jekk l-UE għandu jkollha sehem ikbar fl-istabbiliment ta' titjib għall-infrastruttura, jew ħolqien ta' infrastruttura nieqsa li tiffirma parti min-netwerk Ewropew, irid ikun hemm aktar finanzjament disponibbli. Fond tat-trasport jista' jiġi stabbilit bl-użu ta' fondi eżistenti għat-trasport u parti mill-fondi tal-politika reġjonali. Din iż-żieda fil-finanzjament tat-trasport tista' tipprovdi inċentiv biex isir xogħol ta' infrastruttura li huwa meħtieġ għal mezzi speċifiċi ta' trasport jew "fl-interest Ewropew".

Barra minn hekk, l-effetti tal-kriżi finanzjarja u ekonomika fuq is-settur tat-trasport m'għandhomx jiġu injorati, fuq kollox għax jidher ċar li s-settur irreaġixxa b'mod qawwi ħafna għall-kriżi. Ir-rapporteur iqis li l-kriżi għandha titqies bħala opportunità biex jingħata appoġġ immirat għat-trasport fil-futur. Għandu jitħeġġeġ l-investiment permezz ta' għajjnuna finanzjarja li mhux biss tiggarrantixxi għajjnuna malajr, iżda wkoll ittejjeb il-prestazzjoni ambjentali u s-sigurtà, u li għalhekk tista' twassal biex is-settur tat-trasport isir sostenibbli. Iridu jiġu żviluppanti mhux biss strumenti nazzjonali iżda, primarjament, strumenti ta' politika fuq livell Ewropew sabiex jingħelbu kriżijiet bħal dawn.

Ir-rapporteur huwa konvint ukoll mill-ħtieġa li jinholq network ewlieni Ewropew fi ħdan in-netwerk ġenerali tat-TEN li għandu jiġi evalwat skont kriterji ta' żvilupp sostenibbli fuq livell Ewropew u wkoll fuq livell reġjonali. Dan għandu jinkludi pjattaformi multimodali reġjonali li jippromwovu t-trasport sostenibbli b'mod effettiv permezz tal-użu ta' mezzi xierqa tal-loġistika li jinsabu fil-punti ta' inkroċjament li jippermetti konnessjonijiet sostenibbli bejn il-

mezzi varji tat-trasport.

Ir-rapporteur iqis li hemm htega urġenti għal definizzjoni ta' għanijiet ċari u li jitkejlu. Dan jagħmilha eħfef biex wieħed jirrevedi l-effiċjenza fis-settur tat-trasport, u għandu wkoll jipprovdi orjentazzjoni soċjali u ekonomika rigward l-ippjanar.

Fl-aħħarnett, il-programmi mfassla għat-trasport jeħtieġ li jiġu riveduti. Politika tat-trasport hija effettiva biss jekk il-programmi tagħha huma evalwati u mbaġhad jiġu orjentati mill-ġdid jew jitkomplew, kif xieraq. Per eżempju, hemm htega għal programm ġdid tas-sigurtà tat-traffiku fit-toroq, reviżjoni ta' nofs it-term ta' NAIADES u l-implimentazzjoni tal-programmi Sema Miftuħ u Marco Polo.

9.3.2010

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar ġejjieni sostenibbli għat-trasport
(2009/2096(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jo Leinen

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-internalizzazzjoni ġusta u non-diskriminatorja fil-prezzijiet tat-trasport tal-ispejjeż esterni tal-istess trasport (emissjonijiet lokali, emissjonijiet tas-CO₂, frammentazzjoni tal-ħabitats, u l-prezz għas-saħħa), fost il-modi tat-trasport, iggradwata skont il-livell ta' tniġġis, twassal għal għażla tal-mod tat-trasport li ttrispetta l-ambjent.
2. Iqis li tinħtieġ bidla kulturali lejn mezzi tat-trasport aktar sostenibbli, u li din għandha tiġi ffaċilitata permezz ta' politika ta' informazzjoni għall-pubbliku; iqis li d-dħul mill-internalizzazzjoni tal-ispejjeż tat-trasport għandu jkun primarjament investit mill-ġdid f' modi tat-trasport sostenibbli u fit-trażżin tat-tibdil fil-klima;
3. Jiġbed l-attenzjoni għat-tendenza mistennija lejn grad dejjem jiżdied ta' urbanizzazzjoni tas-soċjetà tagħna, li tispjega l-importanza dejjem tikber tal-ippjanar tal-ispazju u ta' sistemi tat-trasport pubbliku lokali li jirrispettaw aktar l-ambjent u sistemi effiċjenti tat-trasport tal-massa li jkunu adattati għat-teknoloġiji l-ġodda u jkunu kapaċi jikkompetu mal-vetturi privati f' dawk li huma spiża, metodu u ħin tal-vjaġġ, l-aktar fir-rigward tat-trasport urban, iżda mingħajr ma jiġi ttraskurat it-trasport rurali;
4. Iqis li kollegamenti tajbin tat-trasport għal mas-servizzi pubbliċi f' inħawi rurali jnaqqsu l-użu tal-karozzi privati;
5. Jappella għall-ħolqien ta' Reġjuni Urbani Funzjonali, bil-għan li jinħoloq trasport urban u

suburban koerenti u sabiex il-popolazzjonijiet rurali ma jinfirxux;

6. Jenfasizza l-importanza li ssir verifika li l-limitu massimu ta' veloċità ta' 50 km/h jkun rispettata strettament fiż-żoni urbani; kif urew diversi studji u riċerki, din għandha effett doppju: wieħed li tnaqqas l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa, u l-ieħor li tnaqqas in-numru ta' inċidenti u ta' mwiet fuq it-toroq li, kif inhu magħruf, jolqtu perċentwal sostanzjali tal-popolazzjoni f'żoni b'densità għolja ta' abitanti;
7. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi istituzzjonalizzat il-kunċett ta' sewqan li jirrispetta l-ambjent, jew l-ekosewqan, u li dan isir obligatorju meta jitħarrġu sewwieqa żgħażaġh minħabba li ġie muri li, meta jittieħdu miżuri sempliċi fis-sewqan, il-konsum tal-fjuwil jista' jonqos b'sa 30%, u b'hekk jitnaqqas it-tniġġis tal-arja mis-CO₂, mill-idrokarbonji mhux maħruqa (UHCs) u mill-għabra fina;
8. Iqis li l-konformità mal-istandards ta' kwalità tal-arja kif stipulat fil-leġislazzjoni tal-UE hija kruċjali minħabba ż-żieda fil-mard respiratorju, kardjovaskulari u mard ieħor li għandu x'jaqsam mat-tniġġis tal-arja li jirriżulta l-aktar mit-trasport. Huwa tal-fehma li, sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni, għandu jingħata inċentiv għal miżuri preventivi, pereżempju, bl-introduzzjoni ta' filtri ta' kwalità għolja għall-partikoli solidi fini ħafna li joriġinaw mill-magni, u li għandhom jingħataw inċentivi sabiex daww il-karozzi li bħalissa qed jiċċirkolaw u li ma jikkonformawx mal-istandards Euro 4, Euro 5 jew Euro 6 (din tal-aħħar għandha tiddaħħal fl-2014) jiġu mġedda. It-tnaqqis fl-emissjonijiet m'għandux ikun ristrett biss għall-vetturi li jużaw teknoloġija ġdida, jiġifieri b'magni ġodda, iżda għandu jikkonċerna wkoll lil daww li diġà qegħdin fuq it-toroq. Il-magni ta' ġenerazzjonijiet qodma jistgħu jiġu adattati billi jiġu mgħammra bil-filter il-ġdid, bil-għan li jinkiseb il-livell baxx ta' emissjonijiet ta' partikoli solidi fini ħafna li għandhom il-vetturi l-ġodda. Huwa favur, l-aktar f'kuntesti urbani, żoni b'emissjonijiet baxxi (bħal "żoni 30", jiġifieri żoni urbani li fihom l-ogħla veloċità tal-vetturi tkun limitata għal 30 km/h) u miżuri għat-tnaqqis tat-traffiku li jipprovdu inċentiv għall-mixi u għall-użu tar-roti.
9. Jirrimarka li t-tnaqqis tal-istorbju għandha tingħatalu aktar attenzjoni minħabba li ġew innutati diversi effetti differenti tiegħu fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq il-kwalità tal-ħajja.
10. Jappella, fir-rigward tat-tiġib tal-kwalità tal-ħajja, li t-trasport jiġi adattat għall-persuni b'mobilità mnaqqsa, li għandhom id-dritt invjolaabbli, imħaddan fl-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, għall-aċċess għall-forom kollha ta' trasport. Dan huwa prinċipju fundamentali tan-non-diskriminazzjoni fil-moviment ħieles tal-persuni, li joffri wkoll vantaġġi ekonomiċi, kulturali u oħrajn relatati mat-turiżmu.
11. Jirrikonoxxi l-fatt li t-trasport bit-triq naqqas sostanzjalment l-emissjonijiet tiegħu ta' materja ta' partikoli (PM 10), ta' sustanzi li jaċidifikaw u ta' prekursori tal-ożonu, iżda għadu mħasseb dwar il-livell tiegħu ta' ossidi tan-nitroġenu u ta' partikoli fini (rapport

Term 2008¹, fig. 5.1). Madankollu jinsab diżappuntat li l-emissjonijiet tas-CO₂ tiegħu żiedu bi 28% bejn l-1990 u l-2006, meta mqabbel ma' tnaqqis ta' 3% fis-setturi l-oħra. Iqis li l-impatt tal-partikoli tal-karbonju iswed (nugrufun) fuq it-tisħin dinji għandu jitqies ukoll u li l-filtrazzjoni tal-partikoli għandha tiġi rakkommandata, biex jiġi eliminat dak l-impatt, sabiex talanqas jagħmel tajjeb għaż-żieda jew għat-tnaqqis insuffiċjenti tagħhom (tal-emissjonijiet tas-CO₂). Jappella biex it-trasport tal-merkanzija jiġi gradwalment trasferit mit-toroq għall-ferroviji u għal mezzi oħra tat-trasport li jkunu effiċjenti fil-konsum tal-enerġija, sakemm jinbnew linji ferrovjarji ġodda li jkunu kompatibbli mal-kapaċità attwali tan-netwerk. Jappella, barra minn hekk, sabiex jingħata inċentiv għall-bini ta' faċilitajiet ġodda bejn il-portijiet (li jista' jtejjeb il-proċess tat-trasferiment ta' merkanzija mit-triq għall-ferroviji) u sabiex tittejjeb il-funzjonalità tal-faċilitajiet li jeżistu llum;

12. Jirrikonoxxi li, skont l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), it-trasport marittimu jikkaġuna minn 3 sa 5 darbiet anqas CO₂ mit-trasport bl-art iżda jinsab mħasseb dwar l-emissjonijiet mbassra ta' SO_x u ta' NO_x mit-trasport marittimu li se jkunu bejn wieħed u ieħor daqs tat-trasport fuq l-art sal-2020, u dwar it-tentattiv inkonklużiv tal-IMO li tistabbilixxi sistema ta' tnaqqis tas-CO₂. Jitlob li tiġi studjata l-possibilità li t-trasport marittimu jiddaħħal fl-Iskema Ewropea għall-Iskambju tal-Kwoti ta' Emissjonijiet jekk ifallu n-negozjati tal-IMO u wara li titqies in-natura internazzjonali tat-trasport marittimu u l-possibilità ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju lejn portijiet barra mill-UE u lejn it-trasport bit-triq.
13. Iqis ir-Riċerka u l-Iżvilupp (R&Ż) bħala fattur ta' qofol fit-tfittxija għal ġejjieni sostenibbli għat-trasport minħabba li qalba teknoloġika radikali tista' ġġib magħha t-tnaqqis fl-emissjonijiet li huwa tant meħtieġ u t-tranżizzjoni għal trasport b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jidentifikaw l-elementi li jixprunaw l-innovazzjoni possibbli kif ukoll dawk li jxekkluha, li jirriżultaw mir-R&Ż, u biex jipprijoritizzaw l-investiment f'infrastruttura li tirrispetta l-ambjent, pereżempju netwerks intelliġenti għat-trasport tal-elettriku, gas/bijometanu naturali minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu u netwerks għad-distribuzzjoni tal-idroġenu. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex ma twarrabx fil-ġenb l-influenza tat-teknoloġiji fil-vetturi fuq l-imġiba tas-sewwieq bħala kontribut potenzjali għat-tnaqqis fil-konsum tal-fjuwil/emissjonijiet tas-CO₂.
14. Jappella urġentement, fl-interess tal-ħarsien tal-infrastruttura eżistenti – l-aktar it-trasport pubbliku urban – sabiex is-sistema tas-sussidji tiġi rristrutturata b'tali mod li tal-anqas tingħata daqstant prijorità lill-manutenzjoni u l-modernizzazzjoni tal-linji eżistenti daqskemm ingħatat għall-bini ta' linji ġodda fl-għexieren ta' snin li għaddew;
15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tkompli l-iskambji tal-aħjar Prattiki, pereżempju fil-qafas tal-Konvenzjoni tas-Sindki, tal-inizjattiva CIVITAS u ta' oħrajn, li jagħtu lill-bliet l-opportunità li jitgħallmu mill-prattiki ta' xulxin.
16. Iqis li l-manutenzjoni, l-aġġornament u l-użu intelliġenti tal-infrastruttura eżistenti tat-trasport għandu jkollhom prijorità fuq il-bini ta' infrastruttura ġdida;

¹ "Transport at a crossroads. TERM 2008: Indicators tracking transport and environment in the European Union" (Rapport Nru 3/2009 tal-EEA).

17. Jinsisti fuq it-tisħiħ tar-regoli dwar il-konsultazzjoni pubblika u t-trasparenza u fuq implimentazzjoni u infurzar imtejba tal-istudju dwar l-impatt ambjentali u tal-leġislazzjoni dwar il-ħarsien tan-natura fir-rigward ta' investimenti ta' infrastruttura tat-trasport;
18. Filwaqt li jfakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar pjan ta' azzjoni għall-mobilità urbana¹, jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' pjanijiet sostenibbli integrati ta' vjaġġar/mobilità urbani f'żoni urbani ta' aktar minn 100,000 abitant u li l-finanzjament Ewropew fil-qasam tat-trasport urban ikun suġġett għall-eżistenza ta' dawn il-pjanijiet;

¹ Testi adottati, P6_TA(2009)0307.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	23.2.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 43 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	János Áder, Elena Oana Antonescu, Paolo Bartolozzi, Sandrine Bélier, Sergio Berlato, Milan Cabrnock, Esther de Lange, Bas Eickhout, Edite Estrela, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Karin Kadenbach, Christa Kläß, Jo Leinen, Peter Liese, Kartika Tamara Liotard, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Vladko Todorov Panayotov, Gilles Pargneaux, Antonia Parvanova, Sirpa Pietikäinen, Mario Pirillo, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Oreste Rossi, Daciana Octavia Sârbu, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Bogusław Sonik, Catherine Soullie, Salvatore Tatarella, Anja Weisgerber, Sabine Wils, Marina Yannakoudakis
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jutta Haug, Anna Záborská, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Veronica Lope Fontagné

24.2.2010

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar futur sostenibbli għat-trasport
(2009/2096(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Antonio Cancian

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li s-settur tal-mobilità hu ta' importanza kruċjali għall-Ewropa: l-ewwel nett għaliex trasport sostenibbli u effiċjenti jagħti spinta lill-prestazzjoni tal-ekonomija u jippermetti liċ-ċittadini jieħdu sehem f'ħajja soċjali, u t-tieni nett għaliex is-settur tal-mobilità hu settur ewlieni tal-industrija Ewropea u jipprovdi ħafna impjiegi;
2. Ifakkar li matul dawn l-aħħar snin l-effiċjenza tal-enerġija fil-mezzi tat-trasport differenti żdiedet u tat lok għal tnaqqis notevoli tal-emissjonijiet ta' CO₂ għal kull kilometru; jikkunsidra, madankollu, li t-titjib relattiv fir-rigward tal-emissjonijiet dannużi kien newtralizzat b'żieda kostanti fid-domanda fis-settur tat-trasport, speċjalment dak bit-triq; ifakkar li l-konġestjoni urbana hija responsabbli għal 40% tal-emissjonijiet ta' CO₂ u għal 70% tal-bqija tal-emissjonijiet li jniġġsu li jirriżultaw mill-vetturi, ammont li jagħmilha t-tieni l-akbar sors ta' emissjonijiet ta' NO_x u PM₁₀, li huma partikolarment ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa tal-applikazzjoni tal-aktar teknoloġiji avvanzati ta' tnaqqis tal-emissjonijiet mhux biss għall-vetturi manifatturati ġodda iżda wkoll għall-vetturi kollha li bħalissa jinsabu fit-triq; isostni li kull soluzzjoni ġdida għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas- CO₂ fit-trasport bit-triq għandha titqies mingħajr kundizzjonijiet minn qabel;
3. Jenfasizza li s-sistema tat-trasport għandha tagħti lill-klijenti l-aħjar għażliet possibbli ta' mobilità, li jgħaqqdu flimkien soluzzjonijiet sostenibbli u servizz effiċjenti; ifakkar li integrazzjoni aħjar tal-mezzi tat-trasport differenti ser ittejjeb l-effiċjenza globali tas-sistema tat-trasport;

4. Jikkunsidra bħala prijorità l-iżvilupp ta' kurituri marittimi u tat-trasport bil-baħar u bil-ferrovija bħala mezzi ta' trasport orħos u aktar ekoloġiċi;
5. Huwa tal-fehma li permezz tal-iżvilupp ta' sistema tat-trasport Ewropea interoperabbli u ko-modali biss se jkun possibli li tikber l-effiċjenza tal-enerġija; jenfasizza, l-urġenza taż-żieda malajr fl-interoperabilità u, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni bħala soluzzjoni possibbli oħra biex jerġa' jinstab bilanċ fl-użu tal-mezzi tat-trasport differenti u għall-promozzjoni, fejn ikun possibli, tal-użu tal-mezzi tat-trasport li jniġġsu anqas u sorsi alternattivi ta' enerġija li jvarjaw bejn kull tip ta' fjuwils likwidi u mill-gass bħall-LPG, l-LNG u s-CNG, sal-elettriku, u b'hekk jitnaqqsu l-bżonnijiet tal-enerġija tas-sistema tat-trasport Ewropea, kif ukoll l-emissjonijiet ta' CO₂, NO_x u PM₁₀. jappoġġja b'mod partikolari mobilità bl-użu tal-enerġija elettrika bil-għan li tingħata spinta lill-użu ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' CO₂ u li tinkiseb effiċjenza ġenerali fis-sistema tat-trasport;
6. Jirrikonoxxi l-importanza tas-settur pubbliku fit-titjib tal-aċċess pubbliku għal servizzi tat-trasport pubbliku li jniġġsu anqas, fl-iżvilupp ta' setturi bażiċi tal-ekonomija, b'mod partikolari s-settur tal-enerġija, fl-industrija u t-turiżmu, fil-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u reġjonali u fit-tiħiħ tar-rwol tal-istat fir-regolamentazzjoni tas-suq, il-parteciġazzjoni u l-interventi f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet tal-utenti, bi rwol ewlieni fil-provvediment ta' servizzi ta' interess ġenerali; jenfasizza li, f'ħafna każijiet, is-šhubija pubblika-privata f'dan is-settur twassal biss biex tħaffef in-negożju għall-gruppi ekonomiċi u biex tkopri l-privatizzazzjonijiet li huma ta' ħsara għall-interessi tal-pubbliku u tal-utenti tas-servizz tat-trasport pubbliku;
7. Huwa tal-fehma li t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), flimkien mas-sistemi tan-navigazzjoni bis-satellita Galileo u EGNOS, se jippermettu li l-flussi tat-traffiku jimxu bl-aħjar mod possibbli, b'hekk titnaqqas il-konġestjoni urbana u interurbana, u se jgħinu wkoll biex jitnaqqsu l-emissjonijiet li jagħmlu l-ħsara u n-numru ta' inċidenti fit-toroq; jinnota li hemm wisq vetturi ta' toqol kbir li ta' sikwit jivvjaġġaw vojta jew nofshom vojta u jingombraw it-toroq bla bżonn u jagħmluhom iktar perikolużi, u li qiegħed jiżdied in-numru ta' karozzi tal-passiġġieri b'persuna waħda biss abbord, u li dan qed iwassal għal iktar traffiku ta' karozzi u għal konsum ikbar ħafna ta' fjuwil; jitlob lill-Istati Membri biex jadottaw politiki ta' appoġġ għat-talba għal innovazzjoni min-naħa tal-utenti privati fil-qasam tat-trasport u tal-loġistika;
8. Jinnota li għandhom jiġu introdotti l-kundizzjonijiet ta' qafas meħtieġa u standards miftuħin għal teknoloġiji promettenti mingħajr ma' jingħata vantaġġ mhux mistħoqq lil xi teknoloġija partikolari;
9. Huwa tal-fehma li biex titjeb is-sigurtà tal-utenti kollha tat-toroq, l-iżvilupp urban għandu jqis mobilità urbana u interurbana aktar sostenibbli;
10. Jenfasizza l-importanza loġistika tas-sistemi intermodali ta' informazzjoni u l-iżvilupp ta' trasport intelliġenti; jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi varji meħuda fil-livell Komunitarju (bħalma huma s-Sistema Ewropea ta' Ġenerazzjoni Ġdida għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-ajru (SESAR), is-Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovarju (ERTMS), is-Servizzi ta' Informazzjoni dwar ix-Xmajjar (RIS) u s-SafeSeaNet); jistieden lill-Istati Membri biex jintensifikaw l-investimenti fl-infrastruttura, bil-għan li t-trasport isir

aċċessibbli għal kulħadd, l-iktar għall-persuni b' mobilità mnaqqsa, u fis-sistemi intermodali u intelliġenti tat-trasport, sabiex jippromwovu l-użu tat-trasport pubbliku u jintroduċu sistema ta' tariffi interoperabbli mal-ħruġ ta' biljetti multimodali sabiex ikun hemm l-aħjar użu u interoperabilità tal-mezzi varji tat-trasport, jonqos il-konsum tal-enerġija u titjeb is-sikurezza ġenerali tat-toroq u tal-vetturi permezz tal-introduzzjoni ta' teknoloġiji avvanzati;

11. Jenfasizza l-importanza tal-mobilità bl-elettriku mhux biss bħala mezz għat-titjib tal-effiċjenza tal-enerġija tat-trasport kollha kemm hi, iżda wkoll bħala mezz biex is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli jiddaħħlu fis-sistema tal-elettriku, u b'hekk isaħħu l-effiċjenza tagħha; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimpenjaw ruħhom espressament, bl-appoġġ tal-awtoritajiet lokali, għal proġetti li jservu biex juru l-vijabilità - f'termini tekniċi u f'termini ta' enerġija - tal-mobilità bl-elettriku f'ambjenti urbani u biex jipprovdu bażi għall-miżuri regolatorji biex jinkoraġġixxu t-teknoloġija meħtieġa;
12. Jinnota l-importanza li jiġi żviluppat 'Internet tal-oġġetti' biex titjeb is-sikurezza tal-infrastruttura u tal-vetturi, titjeb l-informazzjoni lill-utenti, jitħaffef l-issortjar tal-merkanzija u jitnaqqsu l-proċeduri burokratiċi relattivi;
13. Jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar fir-rigward tas-sikurezza fit-toroq bl-użu ta' teknoloġiji ġodda u ta' sistemi ta' navigazzjoni bir-radju, flimkien ma' standards ta' disinn tekniku dejjem aktar stretti maħsuba, pereżempju, biex jipproteġu lill-persuni għaddejjin bil-mixi; jinnota, madankollu li l-mira ffissata fil-White Paper tal-2001, li skontha kellhom jonqsu bin-nofs in-numru ta' vittmi ta' inċidenti tat-traffiku sal-2010, ma ntlaħqitx;
14. Jitlob lill-Kummissjoni, bil-għan li ssaħħaħ is-settur tal-mobilità sostenibbli u b'livell baxx ta' karbonju, sabiex tiżviluppa politika integrata li tiġbor flimkien il-ħsieb dwar innovazzjonijiet bħas-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti (ITS), dwar il-promozzjoni tar-riċerka, dwar il-liġi tal-kompetizzjoni, dwar ir-regoli tas-suq intern (pereżempju l-kabotaġġ) u dwar il-politika tal-loġistika u tgħaqqad flimkien dawn l-oqsma ta' politika;
15. Iħeġġeġ lill-industrija u lill-istituti tar-riċerka sabiex iwessgħu l-firxa ta' teknoloġiji Ewropej kompetittivi fil-livell internazzjonali u jiżviluppawhom aktar sabiex itejbu s-sikurezza u l-ekokompatibilità ta' kull tip ta' vettura, kemm jekk għall-użu privat kemm jekk għal dak pubbliku u kummerċjali;
16. Iħeġġeġ lill-produtturi ta' karozzi u vetturi għall-merkanzija tqila, biex japplikaw it-teknoloġiji disponibbli bil-għan li jiksbu informazzjoni bażika dwar l-interazzjoni bejn il-vettura u t-triq u l-kundizzjonijiet tat-temp, u biex jagħmlu aktar użu mis-sistemi abbord il-vetturi li jippermettu l-projezzjoni ta' data ewlenija (veloċità, navigazzjoni, ħin tas-sewqan eċċ.) fuq il-windskrin, bil-għan li jħeġġu imġiba ambjentalment sostenibbli waqt is-sewqan; jitlob lill-Istati Membri sabiex jippromwovu informazzjoni ġdida u kampanji edukattivi mmirati lejn l-utenti tat-triq;
17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu r-riċerka fis-settur tat-trasport billi jżidu l-ispiża għar-Riċerka u l-Iżvilupp fuq teknoloġiji ġodda, is-sikurezza u l-mobilità sostenibbli, jadottaw miżuri pożittivi favur l-użu tal-mezzi ta' trasport li jniġġsu l-inqas, itejbu l-loġistika u l-infrastrutturi eżistenti, ilestu malajr il-proġetti TEN-T diġà

ffinanzjati, u jippjanaw in-netwerks futuri tat-trasport b'mod integrat, konsistenti u b'konformità mal-implimentazzjoni tal-aġenda ta' Lisbona;

18. Jaqbel mal-opinjoni tal-Kummissjoni li t-tlestija tas-suq intern teħtieġ tiġi kkumplementata bil-liberalizzazzjoni tas-settur tat-trasport, speċjalment tat-trasport bil-ferrovija; jemmen li fis-settur tat-trasport, bħal f'setturi oħrajn, ir-regoli li jipprovdu għall-kompetizzjoni ġenwinament ħielsa għandhom jiġu nfużati b'mod ġust u għandhom jiġu applikati dispożizzjonijiet komuni sabiex ikun possibbli l-aċċess għas-suq jew, tal-inqas, tkun żgurata r-reċiproċità. jittama li l-Ewropa, fir-rigward tal-politika tat-trasport u tal-enerġija u fir-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi mhux membri, titkellem b'leħen wieħed;
19. Jitlob għall-ħolqien ta' sistema ta' riservazzjoni komuni Ewropea sabiex issaħħaħ l-effettività tal-mezzi tat-trasport differenti u tissimplifika u tkabbar l-interoperabilità tagħhom;
20. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex isaħħu proġetti tat-trasport transkonfinali sostenibbli mal-pajjiżi involuti fil-Politika Ewropea tal-Viċinat, b'mod speċjali l-Ukraina, minħabba li n-nuqqas ta' interkonnessjonijiet li jaħdmu sew bejn in-netwerks ta' ferroviji, toroq u ilmijiet navigabbli interni hu fattur ewlieni fid-dipendenza kważi totali tal-użu ta' vetturi għall-merkanzija tqila fuq toroq reġjonali;
21. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex iwettqu sforzi sinifikanti għall-implimentazzjoni mgħaġġla tal-istandardizzazzjoni tal-innovazzjoni fis-settur tal-mobilità, sabiex titħaffef il-miġja fis-suq ta' teknoloġija ġdida, pereżempju fil-qasam tal-mobilità elettronika;
22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi politiki li jrawmu l-produzzjoni u l-użu ta' vetturi mingħajr emissjonijiet, bħall-vetturi elettriċi, fl-Ewropa;
23. Jikkunsidra li l-iżvilupp tat-trasport sostenibbli għandu jifforma parti mill-istrateġija UE 2020;
24. Jinnota li sar progress sostanzjali fl-implimentazzjoni tal-proġetti TEN-T; huwa tal-fehma li l-proġetti TEN-T għandhom jibqgħu fil-qalba tal-politika tat-trasport tal-UE, b'mod partikolari proġetti li huma ppjanati jew qegħdin jiġu implimentati fl-aktar reġjuni iżolati tal-UE, li huma nieqsa mill-infrastruttura u mill-interkonnessjonijiet tat-trasport meħtieġa mal-bqija tal-Ewropa, għall-ġarr tan-nies kif ukoll tal-merkanzija;
25. Jenfasizza l-ħtieġa għal settur tat-trasport tasew illiberalizat bil-għan li titkabbar il-kompetittività tiegħu ma' mezzi oħra ta' trasport billi titjeb id-diversità tal-operaturi tas-servizz, il-kwalità u s-servizz.
26. Jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq strateġija ta' segwitu b'azzjonijiet definiti b'mod ċar biex tiġġieled l-inċidenti fit-toroq b'mod aktar effettiv;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	23.2.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 46 -: 3 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Zoltán Balczó, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Reinhard Bütikofer, Maria Da Graça Carvalho, Jorgo Chatzimarkakis, Giles Chichester, Christian Ehler, Lena Ek, Ioan Enciu, Norbert Glante, Fiona Hall, Romana Jordan Cizelj, Arturs Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Marisa Matias, Judith A. Merkies, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Anni Podimata, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Paul Rübig, Amalia Sartori, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Britta Thomsen, Evžen Tošenovský, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Niki Tzavela, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Antonio Cancian, António Fernando Correia De Campos, Ilda Figueiredo, Yannick Jadot, Oriol Junqueras Vies, Ivailo Kalfin, Silvana Koch-Mehrin, Bernd Lange, Alajos Mészáros, Tiziano Motti, Vladko Todorov Panayotov, Silvia-Adriana Țicău

24.2.2010

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar futur sostenibbli għat-trasport
(2009/2096(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Seán Kelly

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal strateġija għall-implimentazzjoni ta' politika tat-trasport sostenibbli fl-UE bbażata fuq ir-relazzjoni bejn il-politika ta' koeżjoni u tat-trasport biex jintlaħaq l-għan aktar wiesa' tal-iżvilupp reġjonali sostenibbli u l-koeżjoni territorjali madwar l-UE;
2. Jinnota li approċċ integrat u koordinat għall-ippjanar tal-infrastruttura, l-iffinanzjar u l-iżvilupp tal-proġett għandu rwol ċentrali fl-iżvilupp ta' settur tat-trasport kompetittiv u sostenibbli; jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali ta' spiss ma jistgħux jilqgħu l-isfidi tat-trasport mingħajr kooperazzjoni, u għalhekk jitlob lill-Istati Membri biex jikkoperaw b'mod attiv mal-partijiet involuti fl-iżvilupp tal-politika u l-proċess tal-implimentazzjoni;
3. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqis ir-rwol li l-politika ta' koeżjoni għandha fl-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport billi tagħti prijorità lin-netwerks u mhux sempliċement lill-proġetti individwali; huwa tal-fehma li n-netwerks għandhom ikunu bbażati fuq analiżi soċjoekonomika li tqis id-domanda u l-fluss tat-traffiku kif ukoll aspetti soċjali u territorjali; iqis li l-użu ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' infrastrutturi tat-trasport f'termini ta' sikurezza, sostenibilità u effiċjenza; jitlob li l-proġetti tat-trasport ikkofinanzjati mill-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni jiġu

orjentati biex jintlaħaq l-għan ta' żvilupp ibbilanċjat u biex tinkiseb koeżjoni territorjali akbar, u jitlob għall-koordinazzjoni aħjar bejn il-Fondi tal-Komunità u l-fondi nazzjonali;

4. Jenfasizza l-valur miżjud ta' kooperazzjoni interreġjonali, transkonfinali u transnazzjonali fl-indirizzar ta' sfidi li jiffaċċja s-settur tat-trasport; jitlob, għaldaqstant, sabiex il-konsiderazzjonijiet transkonfinali jitqiesu fil-politika ġejjiena tat-trasport; jenfasizza l-importanza tar-rotot prijoritarji tat-TEN-T u jenfasizza wkoll l-importanza tar-rwol tat-trasport fir-rigward tal-iżvilupp ta' makroreġjuni;
5. Jinnota li t-tendenza tal-urbanizzazzjoni fl-Ewropa qiegħda dejjem tiżdied; jenfasizza l-bżonn li jiġu żgurati servizzi tat-trasport aċċessibbli u ta' kwalità għolja liċ-ċittadini fiż-żoni urbani; jenfasizza r-rwol tal-UE fit-trawwim ta' kooperazzjoni bejn iż-żoni urbani sabiex jippermetti l-qsim u l-iskambju tal-aħjar prattiki sabiex is-sistemi tat-trasport ikunu aktar sostenibbli; iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali biex jipromwovu l-forma l-aktar ekoloġika possibbli tat-trasport pubbliku; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobilità Urbana adottat fit-30 ta' Settembru 2009, u jistenna li l-miżuri proposti fih ikunu introdotti malajr;
6. Jenfasizza l-ħtieġa għal riċerka adegwata fil-qasam tal-innovazzjoni tat-trasport, bil-għan li, fost affarijiet oħra, jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-karbonju u jiżdied l-użu ta' enerġiji li jiġġeddu;
7. Jenfasizza l-importanza primarja tat-traffiku fit-toroq u l-espansjoni tat-toroq għall-konnessjoni u l-kompettività ta' negozji reġjonali; jenfasizza b'mod partikolari l-importanza tal-konnessjonijiet bit-triq għall-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni periferiċi u dawk l-iktar imbiegħda; jirrikonoxxi r-rwol ewlieni li għandhom il-l-ġarr effiċjenti tal-merkanzija tal-merkanziji bit-triq effiċjenti f'taħlita ta' trasport sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jiffaċilitaw il-konklużjoni tal-liberalizzazzjoni tat-trasport ta' kabotaġġ, biex inaqqsu l-frekwenza ta' mili fil-vojt u biex jipprovdu netwerk tat-triq u tal-ferrovija aktar sostenibbli f'forma ta' 'ċentri tat-trasport tat-tagħbija;
8. Jinnota li l-liberalizzazzjoni tal-ferroviji hija marbuta mal-isfida tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra mis-settur tat-trasport b'mod ġenerali u mal-promozzjoni tal-iżvilupp reġjonali; jinnota li l-liberalizzazzjoni m'għandhiex tinfluwenza l-kompetittività tat-trasport ferrovjarju vis-à-vis t-trasport fit-triq u li huwa meħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari sabiex jiġi żgurat li r-reġjuni periferiċi ma jitilfux il-konnettività permezz tal-ferroviji;
9. Jenfasizza l-importanza tat-trasport bil-baħar fuq distanza qasira kif ukoll tat-traffiku fix-xmajjar u l-lagi bħala mezz ta' trasport sostenibbli li jista' jtejjeb ukoll il-konnettività u l-iżvilupp ta' reġjuni periferiċi, insulari u tar-reġjuni l-aktar imbiegħda; jenfasizza l-ħtieġa li jsiru konsultazzjonijiet u diskussjonijiet fuq kwistjonijiet tat-trasport speċifiċi li qed jiffaċċjaw ir-reġjuni li huma l-arċipelagi; jenfasizza l-ħtieġa li wieħed iqis it-trasport bil-baħar fuq distanza qasira u proġetti ta' "awtostradi fil-baħar" f'kuntast usa' li jħaddan il-pajjiżi li ġeografikament huma l-eqreb lejn l-Ewropa; jinnota li dan se jirrikjedi sinerġija aħjar li trid jintlaħaq bejn il-politika reġjonali, il-politika tal-iżvilupp u l-politika tat-trasport;

10. Jirrikonoxxi li l-ajruporti reġjonali għandhom rwol ewlieni fl-iżvilupp ta' reġjuni periferiċi u tar-reġjuni l-aktar imbiegħda permezz taż-żieda fil-konnettività ma' ċentri; jikkunsidra li tkun ħaġa partikolarment utli li jiġu applikati soluzzjonijiet intermodali fejn ikun possibbli li jkunu identifikati soluzzjonijiet finanzjarji biex tkun iffaċilitata l-modernizzazzjoni ta' dawn l-ajruporti; huwa tal-opinjoni li l-konnessjonijiet tal-ferroviji (b'veloċità kbira) bejn l-ajruporti joffru opportunità ideali sabiex issir konnessjoni sostenibbli bejn it-tipi differenti tat-trasport.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.2.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 33 -: 5 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Charalampos Angourakis, Catherine Bearder, Jean-Paul Besset, Sophie Briard Auconie, Zuzana Brzobohatá, Alain Cadec, Ricardo Cortés Lastra, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Seán Kelly, Evgeni Kirilov, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Iosif Matula, Miroslav Mikolášik, Franz Obermayr, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Nuno Teixeira, Michael Theurer, Michail Tremopoulos, Viktor Uspaskich, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Vasilica Viorica Dăncilă, Karin Kadenbach, Lena Kolarska-Bobińska, Heide Rühle, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Peter Simon, Evžen Tošenovský

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	1.6.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Antonio Cancian, Michael Cramer, Ryszard Czarnecki, Luis de Grandes Pascual, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Knut Fleckenstein, Mathieu Grosch, Ville Itälä, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Werner Kuhn, Jörg Leichtfried, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Vilja Savisaar, Olġa Sehnalová, Brian Simpson, Dirk Sterckx, Silvia-Adriana Țicău, Thomas Ulmer, Thomas Ulmer, Dominique Vlasto, Roberts Zīle
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Paul Bisset, Spyros Danellis, Tanja Fajon, Markus Ferber, Nathalie Griesbeck, Gilles Pargneaux, Alfreds Rubiks, Salvatore Tatarella, Oldřich Vlasák, Sabine Wils